Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 289/2016/1

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali nru 1091/15 maħruġa a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 fl-ismijiet:**

**Isabella Bellia (KI 299978M) (appellata)**

**vs**

**Graziella Gatt (KI 272278M) u**

**Lawrence Gatt (KI 142269M) (appellant)**

21 ta' Ottubru, 2019.

1. Fil-15 ta' Lulju 2015, Isabella Bellia ppreżentat ittra uffiċjali (Nru 1091/15) skont l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kontra Graziella Gatt u Lawrence Gatt, li permezz tagħha talbithom iħallsu s-somma ta' €2,591.69 bilanċ ta' debitu allegatament dovut minnhom fir-rigward ta' prodotti li biegħet, bl-imgħax legali kummerċjali u bl-spejjeż.

2. Fl-ittra uffiċjali oġġett ta' dan il-proċediment iddikjarat:

> *"Permezz tal-preżenti, Isabella Bellia I.D. 299978M ta' Hair, Nails and Beauty Supplies, 27, Triq il-Grazzja, Birkirkara, tagħmel referena għal diversi prodotti li ġew suppliti minnha tramite l-isem tal-kummerċ Hair, Nails and Beauty Supplies tul l-aħħar sentejn lill-intimata Graziella Gatt li topera l-ħanut Glamour – The Healthy and Beauty Club.*
>
> *Illi kif jidher mill-invoices u rendikonti hawn annessi* ***Dok A sa C****, minkejja li saru żewġ pagamenti akkont tal-prezz fl-ammont ta' €145.94, hemm bilanċ dovut lill-mittenti ta' €2,591.69. Illi din is-somma hija ċerta, likwida u dovuta.*
>
> *Għaldaqsant ninterpellakom sabiex fi żmien tletin jum min-notifika ta' din l-ittra tgħaddu biex tħallsu lill-mittenti l-bilanċ rimanenti ta' €2,591.69 dovut lilha bl-imgħaxijiet legali kummerċjali minn meta ġew dovuti skont l-Artikolu 26A et seq tal-Kap 13 u bl-ispejjeż.*

*Illi jekk intom ma tweġbux fi żmien tletin jum mindu tiġi notifikati b'din l-ittra uffiċjali billi tippreżentaw nota fl-atti tal-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti minnkom stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.*

*Ninterpellakom ukoll, u dan mhux ai termini tal-aartikolu 166A tal-Kap 12, sabiex tirritornaw l-oġġetti proprjeta` tal-mittenti li huma fil-pussess tagħkom, senjatament l-istand tal-Alter Ego u l-Cavitation Machine, entro ġimgħa min-notifika ta' din l-ittra. Fin-nuqqas il-mittenti sejra tieħu dawk il-passi legali kollha neċessarji u opportuni fiċ-ċirkostanzi."*

3. L-ittra uffiċjali kienet notifikata lil Lawrence Gatt fit-18 ta' Lulju 2015 u lil Graziella Gatt fil-20 ta' Lulju 2015. It-tnejn li huma ma kkontestawhiex bil-mod li trid il-liġi. Għalhekk l-ittra uffiċjali saret eżekuttiva.

4. Fit-18 ta' Lulju 2016 Isabella Bellia ippreżentat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv (numru: 1335/16) fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kontra Graziella Saribas[1] u Lawrence Gatt, għas-somma ta' €3,187.68 (sorte: €2,591.69; imgħax: €207.28; spejjeż: €389.40).

5. Fil-25 ta' Lulju 2016 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet it-talba u nħareġ il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

6. Fit-28 ta' Novembru 2016 Lawrence Gatt ippreżenta rikors skont l-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Huwa sostna li l-ittra uffiċjali eżekuttiva Nru 1091/15 hija fil-fatt nulla minħabba li ma fiha l-ebda dikjarazzjoni tal-fatti u għalhekk jiġi li r-rekwiżiti tal-Artikolu 166A(2) ma ġewx rispettati; konsegwentement argumenta li l-mandat ta' sekwestru Nru 1335/16 huwa ukoll null u bla effett. Għalhekk talab lill-Qorti tiddikjara bħala nulli kemm (i) l-ittra uffiċjali eżekuttiva Nru 1091/15 kif ukoll (ii) il-mandat ta' sekwestru Nru 1335/16. Bl-ispejjeż kontra Isabella Bellia.

7. B'deċiżjoni tas-27 ta' April 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) irriteniet li l-pretenzjoni tar-rikorrenti Lawrence Gatt (li l-ittra uffiċjali hija nulla għaliex id-

[1] Peress li fil-21.06.2016 iżżewġet lil Eftal Saribas.

dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba hija totalment assenti) hi frivola u vessatorja għaliex l-ittra uffiċjali effettivament kienet turi biċ-ċar x'inhuma l-fatti in sostenn tat-talba: ċioe` li Isabella Bellia (operanti bħala Hairs, Nails and Beauty Supplies) kienet biegħet diversi prodotti tul perjodu ta' sentejn lil Graziella Gatt (operanti ta' Glamour – The Health and Beauty Club) u li kien hemm bilanċ pendenti ta' €2,591.69 li baqa' ma tħallasx. Irriteniet li l-azzjoni qatt ma messha ġiet intavolata u li kienet intiża unikament biex ittawwal il-proċeduri bla bżonn, liema aġir huwa punibbli a tenur tal-Artikolu 10 tal-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż, inkluż spejjeż addizzjonali ta' €500 pagabbli lir-Reġistratur tal-Qorti in vista tal-fatt li l-azzjoni hija waħda fiergħa u vessatorja.

8. Fis-16 ta' Mejju 2017 Lawrence Gatt appella mid-deċiżjoni. L-aggravji huma:-

(i) Dak li huwa indikat fl-ittra uffiċjali, u ċioe` li diversi prodotti kienu ġew suppliti minn Isabella Bellia (Hair, Nails and Beauty Supplies) lil Graziella Gatt (Glamour – The Health and Beauty Club) mhux suffiċjenti u ma jammontax għal dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.

Jenfasizza li l-ewwel qorti m'għamlitx aċċenn għas-sentenzi rilevanti li għalihom huwa għamel riferenza fis-sottomissjonijiet tiegħu, ċioe`:

- **Panta Marketing Services Ltd vs George Farrugia et** (Appell Ċivili Inferjuri – PS, deċiża 12.12.2007);
- **Joseph Gouder et vs Paul Zammit** (Appell Ċivili Inferjuri – PS, deċiża 06.10.2010).

F'dan l-appell tiegħu imbagħad jagħmel referenza għal żewġ sentenzi oħra:

- **Noel Sultana vs Andrew Mercieca** (Qorti tal-Maġistrati Għawdex, Ġurisdizzjoni Inferjuri - AE, deċiża 15.02.2010)
- **Pool Group Malta Ltd vs Carmen Josephine King** (Qorti tal-Maġistrati Malta – CFF, deċiża 18.04.2017)

(ii) L-ewwel qorti errat meta imponiet spejjeż addizzjonali ta' €500 pagabbli lir-Reġistratur tal-Qorti, peress li l-proċeduri ma kinux fiergħa u vessatorji.

9. Isabella Bellia, notifikata bir-rikors tal-appell fil-15 ta' Diċembru 2017, ma ppreżentatx tweġiba.

**Konsiderazzjoni.**

10. Waqt is-seduta tal-lum l-appellant u martu infurmaw lill-qorti li Isabella Bellia kienet tħallset dak li kien dovut lilha mingħand l-appellant u martu kienet ħallsitu lura dak li kien ħallas lil Bellia. Id-difensur tal-appellant spjega li minkejja dak l-iżvilupp fil-mori tad-differiment, l-appellant kien għadu interessat fl-appell. Il-qorti qegħda tifhem li l-appellant għad għandu interess għal dak li jikkonċerna l-ispejjeż tal-proċedura u l-ispejjeż addizzjonali li l-ewwel qorti kkundannatu jħallas.

11. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti xorta jkollha tiddeċiedi jekk l-ittra uffiċjali Nru 1091/15 tinkludix "*dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba*" *ai termini* tal-Artikolu 166A(2). **L-Artikolu 166A(2)** jaqra hekk (enfasi ta' din il-qorti):

> "*<u>Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali</u>, illi għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata lid-debitur <u>fejn għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba</u>:*
>
> *Iżda ma jistax isir użu mid-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (5) jew (6) tal-artikolu 187 biex issir in-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali*".

12. Fil-fehma ta' din il-qorti l-ittra uffiċjali Nru 1091/15 effettivament fiha dak l-element. Il-ġurisprudenza li r-rikorrent għamel riferenza għaliha ma tgħinx it-teżi tiegħu li l-ittra uffiċjali, "*hija nulla u bla effett stante li r-rekwiżiti tal-Artikolu 166A(2) ma ġewx rispettati, senjatament id-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba fl-att imsemmi hija totalment assenti*". Pjuttost turi li l-argument tiegħu hu mingħajr bażi.

13. Il-qorti tgħaddi biex tikkunsidra s-sentenzi li saret riferenza għalihom:-

(i) **<u>Panta Marketing Services Ltd vs George Farrugia et</u>** (Appell Ċivili Inferjuri – deċiża 12.12.2007):

F'dan il-każ il-pretensjoni kienet li l-ittra uffiċjali nulla għaliex ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, fosthom:

> "*li ma kinitx tikkontjeni r-raġunijiet il-għala t-talba għandha tiġi milqugħa u dikjarazzjoni tal-fatti…*".

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri pero` irriżultalha li l-ittra uffiċjali kienet tidentifika sew ir-raġunijiet għal liema s-soċjeta` appellata kienet qed tippretendi l-ħlas:-

> "*Fil-konkret, il-ħlas ta' somma speċifika rappreżentanti **prezz ta' manutenzjoni ta' lift ai termini tal-ftehim tal-4 ta' Mejju 2000 u xogħol konness mal-istess lift kif mill-appellanti kommissjonat.***"

(ii) **<u>Noel Sultana vs Andrew Mercieca</u>** (Qorti tal-Maġistrati Għawdex, Ġurisdizzjoni Inferjuri - deċiża 15.02.2010)

Dan il-każ kien jirrigwarda talba għat-tħassir ta' titolu eżekuttiv ikkreat b'ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A għal diversi raġunijiet, fosthom:

> "*L-ittra uffiċjali….hi nulla in kwantu ma fihiex ir-raġuni li fuqha hi msejsa t-talba, għalfejn għandha tintlaqa' t-talba, u dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba.*"

Il-qorti qieset li l-ittra uffiċjali kienet sempliċiment tgħid li l-flus mitluba kienu "***dovuti lill-mittenti għal xogħol u parts li huwa għamel fuq struzzjonijiet tiegħek***". Osservat ukoll li mal-ittra <u>ma kien hemm l-ebda kont anness</u>. Il-Qorti irriteniet li l-ittra uffiċjali kienet "*xotta ħafna*" u li l-kliem kontenut fiha ma kienx biżżejjed biex jissodisfa l-ħtieġa li l-ittra uffiċjali jkollha dikjarazzjoni tal-fatti. Hija insenjat hekk:

> "*Permezz tal-proċedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap. 12 il-leġislatur kellu l-ħsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawżi li jsiru billi introduċa din il-proċedura speċjali. Bl-Att VII tal-2007 żied għas-somma ta' €23,293.73 l-ammont li għalih tista' tintuża din il-proċedura. Il-qorti hi tal-fehma li l-ittra uffiċjali hi xotta ħafna u ma jistax jingħad li fiha "**dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.**". Il-kliem "**għal xogħol u parts**" m'huwiex biżżejjed sabiex jissodisfa l-ħtieġa li l-ittra uffiċjali jkun fiha "**dikjarazzjoni tal-fatti**". Wieħed għandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha tagħmel kawża għaliex ma jkollix titolu eżekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu eżekuttiv b'sempliċi ittra uffiċjali. Hu minnu li d-debitur għandu l-opportunita' kollha li f'każ ta' dubju jippreżenta nota fit-terminu ta' 30 ġurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk iġiegħel lill-kreditur jkun kostrett jagħmel kawża, madankollu l-ħtieġa li l-ittra uffiċjali jkollha "**dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba**." Madankollu dan ir-rekwiżit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullita' tal-ittra uffiċjali għal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur għandu obbligu li fl-ittra uffiċjali jagħti biżżejjed tagħrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess ħin ipoġġih f'posizzjoni li jista' jiddeċiedi jekk għandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss. Bla dubju f'dan il-każ Sultana kellu jsemmi fl-ittra uffiċjali in-natura tax-xogħol li qiegħed jintalab il-ħlas tiegħu, il-vettura li fuqha sar ix-xogħol, meta sar ix-xogħol, u spjega tal-ammont li qiegħed jitlob fis-sens li jagħti tagħrif dwar spejjeż ta' parts u x-xogħol li saru u li tiegħu qiegħed jippretendi l-ħlas. Informazzjoni li suppost kienet tirriżulta wkoll mill-kont li normalment joħroġ il-kreditur, u li f'dan il-każ ma ġietx annessa kopja tiegħu mal-ittra uffiċjali. Tagħrif li m'hemm l-ebda aċċenn għalih fl-ittra uffiċjali in kwistjoni. Seta' kien hemm fatti oħra rilevanti, eżempju li d-*

*debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn każ għall-ieħor. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ l-ilment ta' Mercieca hu ġustifikat".*

(iii) **Joseph Gouder et vs Paul Zammit** (Appell Ċivili Inferjuri – deċiża 06.10.2010).

F'dan il-każ ukoll ir-rikorrent kienu qegħdin isostnu li l-ittra uffiċjali kienet nulla għaliex:

> *"r-rekwiżiti mandatorji tal-Artikolu 166A(2) ma ġewx rispettati, senjatament id-dikjarazzjoni ta' fatti fl-att imsemmi hija totalment assenti."*

Din il-qorti qieset li l-ittra uffiċjali kienet sempliċiment tgħid li l-flus mitluba kienu "***dovuti lill-mittenti għal appalt ta' injam****…".* (Mal-ittra ma kienet intbagħatet l-ebda kopja tal-kont). Il-qorti għamlet riferenza għas-sentenza "**Sultana vs Mercieca"** deċiża ftit xhur qabel, u kkonkludiet li f'dan il-każ ukoll ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni fl-ittra uffiċjali biex tippermetti lid-debitur jammetti jew jirripella l-pretiża tal-kreditur:

> "*Mhux allura biżżejjed li fl-ittra uffiċċjali wieħed jillimita ruħu għar-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba – f'dan il-każ, "**l-appalt ta' injam**" – imma għandu wkoll skond ir-regola normattiva u, għaliex le, il-bon sens, jiċċertifika l-elementi kollha fattwali għax minn dawn tiddependi, għat-tutela tad-difiża tad-debitur, l-interess leġittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt għal liema qed jintalab il-ħlas u b'hekk ikun fi grad aħjar li jammetti jew jirripella, skond il-każ, il-pretiża tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti l-kliem "**appalt fuq l-injam**", ma jikkostitwuwx dikjarazzjoni ċerta u ċara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut ta' l-appalt u t-termini tiegħu, l-eżekuzzjoni tiegħu, il-pattijiet dwar il-ħlas tiegħu, etċetera.* "

(iv) **Pool Group Malta Ltd vs Carmen Josephine King** (Qorti tal-Maġistrati Malta - deċiża 18.04.2017)

F'dak il-każ ukoll sar l-argument li l-ittra uffiċjali kienet nulla għall-istess raġuni bħall-każijiet preċedenti. Il-Qorti tal-Maġistati (Malta) qieset li l-ittra uffiċjali li kienet taċċenna biss għal "***drittijiet ta' reklamar****"* fil-fatt ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 166A(2). Hija insenjat hekk:

> *"…ma jistax ma jiġix notat li l-istess ittra ma fihiex dikjarazzjoni tal-fatti kif intiż fl-Artikolu 166A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-unika frażi li tagħti xi forma ta' dawl fuq x'inhu l-kreditu pretiż mis-soċjeta' intimata huwa biss li l-ammont ta' €1080 huwa rappreżentanti "drittijiet ta' reklamar".*
>
> *L-ittra hija waħda nieqsa u priva minn kwalunkwe dettal li jista' jispjega ulterjorment il-bażi tat-talba tas-soċjeta' intimata u fil-fehma tal-Qorti tali dikjarazzjoni ma tissodisfa bl-ebda mod il-vot tal-Liġi in kwantu ma hemmx dettalji suffiċjenti biex ir-rikorrenti tkun tista' tkun f'pożizzjoni li tiddefendi ruħha kif jixraq għall-interpellazzjoni li saritilha u semmai tieħu deċiżjoni dwar l-istess, jekk għandiex topponi għal tali ħlas jew le. Fl-ittra ma hemm l-ebda dikjarazzjoni ta' xi drittijiet ta' reklamar is-soċjeta' intimata qegħda titkellem fuqhom, jekk parti mill-ħlas ġa sarx, x'tip ta' reklami huma, fuq liema medja saru, kemm il-wieħed sar et cetera."*

14. Ħarsa lejn il-ġurisprudenza fuq ċitata tikkonferma kemm l-ittra uffiċjali mertu tal-kawża odjerna għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 166A(2), li fiha din l-informazzjoni:

- li Isabella Bellia (operatriċi ta' *<u>Hair, Nails and Beauty Supplies</u>*) ilha tbiegħ lil Graziella Gatt (operatriċi ta' *<u>Glamour – The Health and Beauty Club</u>*) diversi prodotti tul l-aħħar sentejn;

- li għalkemm sar ħlas akkont tal-prezz fl-ammont ta' €145.94 baqa' bilanċ ta' €2591.69;

- **Dok A, Dok B** u **Dok C** annessi mal-ittra uffiċjali huma *statement* u l-kontijiet fejn jissemmew il-prodotti li nbiegħu bejn l-2013 u l-2015 minn *"<u>Hair, Nails and Beauty Supplies</u>"* lil *"<u>Glamour – The Health and Beauty Club</u>"* u l-prezzijiet. Dokument li jissemmew ukoll espressament fl-ittra uffiċjali in kwistjoni; *"Illi kif jidher mill-invoices u rendikonti hawn annessi A sa C, minkejja li saru żewġ pagamenti akkont tal-prezz fl-ammont ta' EUR145.94, hemm bilanċ dovut lill-mittenti ta' EUR2,591.69"*.

15. Għalhekk ir-rikorrent altru milli kellu l-informazzjoni kollha neċessarja (kif irid l-Artikolu 166A(2)) dwar il-pretensjoni ta' Bellia, u b'hekk kien f'posizzjoni li jiddefendi ruħu sew u kif jixraq. Fiċ-ċirkostanzi il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li dan il-proċediment sar bla bżonn u mill-bidunett kien ċar daqs il-kristall li ma kienx hemm bażi sabiex l-appellant jikkontesta l-validita' tal-ittra uffiċjali għar-raġuni li ta fir-rikors promotur tat-28 ta' Novembru, 2016. Għaldaqstant, l-ilment tal-appellant dwar l-ispejjeż addizzjonali bażat fuq il-fatt li l-proċeduri ma kinux fiergħa u vessatorji, hu miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi din il-qorti qegħda tiċħad l-appell tar-rikorrent u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto.***

**Spejjeż a karigu tal-appellant**.

Anthony Ellul.